# KNISJA TA' SANTU ROKKU B'KARA 1593 - 1993

Minn John Tonna

F'din is-sena qed jiġi ċċelebrat l-erba' mitt sena meta din il-knisja nbniet l-ewwel darba fl-1593, fi żmien il-Gran Mastru De Verdalle u l-Kappillan ta' Birkirkara Dun Ġużepp Bellia, bħala tkomplija ta' wegħda minħabba l-marda tal-pesta fl-1592 / 93.

Din il-knisja għamlet xi żmien traskurata u mitluqa, iżda l-Mulej dejjem bagħat lil xi nies biex din il-knisja tibqa' ħajja bi prova ta' dan illum kull min jgħaddi u jidħol f'din il-knisja jara miksija kollha bl-irħam. Din il-knisja hija knisja Sagramentali u tiffunzjona kuljum, illum din il-knisja hija ċentru ta' devozzjoni lejn Santa Rita.

Bosta nies prominenti u Isqfijiet żaru u qaddsu f'din il-knisja fosthom l-Isqof Emm. Galea Vigarju Ġenerali fis-sena 1966. L-Isqof Mons. Nikol Cauchi Isqof t'Għawdex fl-1969. L-Isqof Karmelitan, Mons. Redent Gauci ta' Ċukibamba fil-Brażil fl-1971. L-Isqof Dumnikan Mon. Walter Ebejer Isqof ieħor fil-Brażil fl-1977. Mons. Pietro Ottarini Alberti, Arċisqof ta' Spoleto u Isqof ta' Norcia u Cascia fl-Italja żar din il-knisja fl-1978. L-Isqof Mons. Dr. Arul Dos James Isqof ta' Catacuṣna fl-Indja kien żar il-knisja darbtejn fl-1984, u fl-1989. Mons. Arċisqof Emm. Gerada f'dak iż-żmien Nunzju Appostoliku żar din il-knisja u qaddes, fl-1980. Fl-10 ta' Lulju 1990, l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Ġużeppi Mercieca qaddes f'din il-knisja u kkonsagra l-artal il-ġdid f'għeluq il-25 sena minn meta bdiet id-devozzjoni lejn Santa Rita.

F'Settembru ta' din is-sena sejra titfakkar din il-ġrajja storika billi se titwaħħal irħama komemorattiva mal-faċċata ta' din il-knisja. Sejrin isiru ukoll festi b'tifkira, biex jibqgħu tifkira għal ta' warajna. Santu Rokku flimkien ma' San Bastjan huma protetturi kontra l-mard tal-pesta li jinsabu dawn ix-xbihat meqjuma fil-kwadru titulari.

CANADIS AUTO DEALER

FLEUR-DE-LYS ROAD, ST. VENERA

TEL: 483877 MOBILE: 099 7951

*Authorised Insurance Dealers*